**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA'  LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN                    10ta' LULJU, 2019**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato,  Dr Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **2.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 2.1.1 | | Il-Kunsillieri s-Sinjuri Kaydem Schembri, Kenneth Farrugia u Kyle Mifsud avżaw li ma kienux ser jattendi. **Dok 1 anness**.  Il-kunsill laqa l-apoloġija tagħhom. |
| | | |
| **2.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 2.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ewwel  seduta. |
| | | |
| ***2.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 2.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima tat merħba lill-kunsilliera preżenti u qalet li wara li tkellmet ma kull wieħed/waħda minnhom, bi qbil magħhom, ressqet id-dekasteri għal din il-leġislatura. |
| | | |
| 2.3.2 | | ***Dekasteri*** |

| **Isem  kunsillier** | **DEKASTERU** |
|---|---|
| | |
| KENNETH FARRUGIA | L-INDAFA |
| | |
| KENNETH FARRUGIA | L-AMBJENT U L-GONNA PUBBLICI |

| | |
|---|---|
| | |
| KYLE MIFSUD | IZ-ZGHAZAGH U TFAL U ATTIVITAJIET PRINCIPALI |
| | |
| DINO BONNICI | SPORTS U ATTIVITAJIET FIZICI |
| | |
| IGNATIUS FARRGIA | L-INNOVAZZJONI |
| | |
| RITA GRIMA | L-INFRASTRUTTURA – BANKINI, PATCHING, MARKI U SINJALI TAT-TRAFFIKU |
| | |
| JOSEPH D'AMATO | PROGETTI U TOROQ GODDA LI SER JAGHMEL IL-GVERN |
| | |
| RITA GRIMA | FINANZI, AMMINISTRAZZJONI, L-ANZJANI U PERSUNI B'DIZABILITA' |
| | |
| KAYDEM SCHEMBRI | L-EDUKAZZJONI, FONDI TAL-UE, GAL XLOKK |
| | |
| JOSEPH D'AMATO | IL-KULTURA |
| | |
| TIFFANY ANN FARRUGIA | KOMUNITAJIET (BUBAQRA) U PLANNING AUTHORITY |
| | |
| RITA GRIMA | IL-QASAM SOCJALI |
| | |
| IGNATIUS FARRUGIA | L-INTEGRAZZJONI SOCJALI U GEMELLAGGI |
| | |
| MARISA D'AMATO | IL-HARSIEN TAL-ANNIMALI, TURIZMU, MEDIA U ATTIVITAJIET PRINCIPALI |

## *2.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*

2.4.1 Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia semmiet :

- l-Imtali ta'Bubaqra biex jiġi rrestawrat. Kien hemm qbil li tibda tfittex fuqhom.
- Tinħass il-bżonn biex issir ATM f'Bubaqra. Kien hemm qbil li tintbagħat korrispondenza lill-banek.
- Fi Triq Bubaqra l-kaxxa ta' mutur li hemm fit-triq titressaq quddiem residenza oħra. Kien hemm qbil li jitneħħew il-kaxxi sofor li hemm bla permess. U titneħħa l-kaxxa ta' mutur u ssir kaxxa ta' vettura minflok.
- Biex Triq Sant Andrija tkun imniżla mat-toroq li jridu jsiru bit-tarmak mill-Gvern

| | | |
|---|---|---|
| | | u sakemm issir, hemm bżonn li tingħatha l-patching.<br>• Hemm bżonn li jsiru bins/skips imqar fejn l-iscouts - kien hemm qbil li dan il-każ jitqajjem waqt li jkun preżenti l-kunsillier inkarigat mill-indafa.<br>• Taprezza li jekk ikunu ser isiru xi affarijiet f'Bubaqra tkun infurmata<br>• Hemm kumpanija tal-Gvern FTZD li lesta li tagħmel il-bankijiet b'żebgħa bl-arma taż-Żurrieq. Kien hemm qbil li jsiru dawk tal-pjazza ta' Bubaqra.<br>• Fi Triq Fra Luka Zurki hemm central strip li qed tostakola trakkijiet li jaċċessaw il-garaxxijiet tagħhom. Qed tintalab li titneħħa s-central strip u minflokha ssir rounded hump. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 2.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato ssuġġeriet:<br>• isir monitor fil-kamra tas-seduti tal-kunsill biex il-korrispondenza issir fuq il-monitor ħalli jkun jista jara kulħadd. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Vjal il-Blue Grotto hemm il-bankina imkissra u hemm bżonn li jsir xi ħaġa biex tissewwa u tinbidel il-wiċċ tagħha. Hi qalet li f'April li għadda, kienet kellmet anke mall-Ministru Ian Borg u infurmha li dik hi taħt ir-responsabilta tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tali bankina tiġi msewwija spiss u nhar it-Tnejn li ġej ser terġgħa tiġi msewwija.<br>• Fejn iċ-ċimiterju qed jipparkjaw l-iscammels u li ħiereġ l-wirdien fejn iċ-ċimiterju - Is-Sindku qalet li ċ-ċimiterju illum qed ikun iffumukat u ser ikun magħluq għal tlett ijiem.<br>• Triq Sant Agatha hemm road humps li qed idejqu lir-resident bl-istorbju tagħhom. Kien hemm qbil li jitneħħew.<br>• Fi Triq Sant Agatha ġie mitlub bank – kien hemm qbil li tinkiteb ittra lir-residenti biex naraw jaċċettawx bank quddiem ir-residenza tagħhom. |
| | | |
| 2.4.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa:<br>• kull meta ser jitħallsu l-Kunsillieri u jekk il-pagament hux ser jiżdied. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ser tieħu direzzjoni mid-Dipartiment.<br>• jekk f'sotto kumitat ma jkunx hemm min jieħu l-minuti x'jista jsir? Ġie mistosqi ukoll jekk hux kulħadd irid jagħmel sotto kumitat.<br>• Xtaq li l-Kunsill jikteb lill-Kumitat tas-Soċjeta mużikali Santa Katarina biex id-deċiżjoni li l-mużiċisti ma jdoqqux mal-orkestra tal-Kunsill tkun irrevokata.<br>• Ser jibda jipprepara għal kunċert ta' Settembru li ser isir fil-bitħa tal-iskola fis-27 ta' Settembru.<br>• Intalbu biex isiru parking bays fi Triq il-Qiegha u madwar l-art il-mitluqa. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Issir raised roundabout fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Sant Andrija - Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Triq Sant Agatha hemm garaxx li jrid double yellow lines mal-garage tiegħu. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Triq il-Qroll hemm il-bankina qed tkun dejjem ingumbrata bl-affarijiet li joħroġ il-ħanut tal-forn. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-pulizija.<br>• Staqsa fhix waslu il-bus shelters li applika għalihom il-Kunsill.<br>• Min jitla minn Triq San Mikiel ma jkunx jista jara lill-vetturi li jkunu ġejjin minn Triq Espeditu Deguara, ir-residenti qed jitolbu stop signs u mirja biex min ikun tiela minn Triq San Mikiel jara minn ġej minn Vjal l-Indipendenza.<br>• Hemm bżonn li jsir refresh tal-marki ta' Triq San Martin u jsiru mirja biex min joħroġ minn Triq San Martin jara minn ġej minn Vjal l-Indipendenza<br>• Biex issir raised hump fi Triq San Martin viċin il-Vet.<br>• Nerġgħu nistaqsu lill-TM biex jibagħtu persuni jaraw it-traffic management ta' Triq Bronja viċin il-Maypole. |
| | | |
| 2.4.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici rringrazzja lis-Sindku tad-dekasteri li tagħtu u wiegħed li ser jaħdem fuhom hekk kif għamel fil-leġislaturi preċedenti.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici ressaq dawn il-mistoqsijiet/suġġerimenti:<br>• li jixtieq li jkun hawn spazju miftuħ ieħor fil-lokalita, minħabba l-binjiet kbar li qed itilgħu fil-lokalita u nuqqas ta' postijiet ta' rikreazzjoni għall-popolazzjoni kbira li dejjem qed tiżdied. Il-Kunsill jeħtieġ li jidentifika art biex jipprova jidħol għal proġett b'għajnuna mil-Gvern.<br>• Fejn jidħol sports jixtieq li l-sports ikollu l-budget tiegħu biex noħolqu għarfien fuq il-ħajja fiżika.<br>• Fi Triq San Pawl, fost l-oħrajn, qed jinġema ħafna traffiku – fuq tali akwati fejn jinġema it-traffiku jeħtieġ li l-Kunsill jitkellem ma' TM biex jofru soluzzjoni biex jitnaqqas l-inkonvenjent.<br>• Hemm bżonn il-Kunsill jitkellem mal-Gvern fuq night shelter. Iż-Żurrieq kbir u għandu ħafna anzjani li jixtiequ li joqgħodu fiż-Żurrieq stess. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qabel din is-seduta, kien hemm laqgħa u l-Kunsilliera preżenti tkellmu mal-Onorevoli Julia Farrugia Portelli li nfurmat li għandha tagħti l-għajnuna tagħha fuq dan.<br>• Il-problema tal-għargħar fiż-Żurrieq – jeħtieġ li l-Kunsill jerġa jibda jinsisti fuqha mal-Gvern. Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li hu jinsab infurmat li l-Gvern ser jibda tali xogħol wara li jgħaddu l-festi tar-raħal.<br>• Kritika kbira fuq xogħol il-pulizija għax għalkemm il-Kunsill kellu diversi laqgħat mal-pulizija, ix-xogħol tagħhom falla fiż-Żurrieq. Kien hemm qbil li tissejjaħ laqgħa mal-ispettur fis-seduta ta' Settembru.<br>• X'sar fuq il-konfini taż-Żurrieq u konfini Ħal Safi. - Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li kien hemm qbil li l-bnadar isiru kif qedghin issa u li ġaladarba ma jitwaħħlux jew isiru affarijiet fil-konfini taż-Żurrieq, tali kwistjoni ma għandix għalfejn titqajjem.<br>• Ħarġu fondi fuq restawr u identifika t-torri tal-Wardija - Kien hemm qbil li jibda il-proċess. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkellem lill-kumpanija li juża s- |

| | | |
|---|---|---|
| | | soltu l-Kunsill biex taplika għal dawn il-fondi. |
| | | |
| 2.4.4 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li ġie mgħarraf li fejn il-krois hemm xi fondi biex isir tisbieh mill-Planing Authority. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ma ġiex infurmat bil-każ u l-fondi tal-Planning Authority li taf bihom hi, jrid ikun l-Kunsill li japplika għalihom biex jagħmel proġett u mhux il-kontra. Il-Viċi Sindku għandu jiċċekja mingħand is-sorsi li ġie infurmat bihom.<br>Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill ta' Morphou jistiednu lill-Kunsill kull sena biex jitilgħu għall- protesta li ssir kull sena. Kien hemm qbil li għal din is-sena jitilgħu s-Sindku u l-Vici Sindku. |
| | | |
| *2.5* | | ***Rapporti*** |
| | | |
| ***2.5.1*** | | ***Rapport Finanzjarju ta' Kull kwart (it-tieni kwart)*** |
| | | |
| **2.5.1a** | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena mħejji mil-Accountant tal-Kunsill. Dan ġie approvat biex jintbagħat. **Dok 3 mehmuż** |
| | | |
| ***2.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| 2.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilment għall-approvazzjoni tal-Kunsill:<br>a) Fi Triq M Perez d'Allecio kienet saret motor cycle bay maqsuma fi tnejn biex jkunu jistghu jipparkjaw żewġ muturi, għalkemm din il-bay qed tintuża ħafna, hemm persuna li toqgħod viċin li tixtieq li jitneħħew. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>b) Fi Triq M Perez d'Allecio persuna talbet li jsiru żewġ parking bays bejn żewġ garaxxijiet għax qed jippruvaw jiddaħħlu 3 karozzi u qed jostakolaw il-garaxxijiet tagħhom. Kien hemm qbil li jsiru metru yellow lines, mal-garaxxijiet u jitpoġġew 2 parking bays.<br>c) Persuni jixtiequ li jiqsar il-ħin tat-traffic lights ta' Vjal il-Blue Grotto. Qed jallegaw li minuta tistenna biex jaqleb hu twil wisq. Ma kienx hemm qbil.<br><br>F'dan il-ħin ħarġet mis-seduta l-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ( ħin 19:45)<br><br>d) Persuni jixtiequ li jsiru double yellow lines quddiem il-Convenience ta' Triq l-Imqabba, għax il-vetturi qed jimblukkaw it-triq. Kien hemm qbil fuq dan.<br>e) Persuni jridu li l-akwata fejn hemm il-bandli fi ġnien il-ġibjun tkun separata bi grada mill-akwata l-oħra fejn jilgħabu t-tfal iż-żgħar. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>f) Hemm bżonn ta' sleeping policeman fi Triq it-Torri bejn Triq San Ċiru u Triq Santa Fawstina. Kien hemm qbil li dan il-każ jitqajjem meta tkun preżenti l-Kunsillier inkarigat minn Bubaqra.<br>g) Fi Triq il-Kbira resident li għandu l-garaxx qed isibha bi tqila li jdaħħal u joħroġ il-vettura tiegħu minħabba li dejjem ikun ostakolat. Hu qed jitlob li ssir tip ta' katina li jkunu jistgħu jiftħuha dawk li għandhom il-garaxxijiet fl-isqaq. Ma kienx hemm qbil |

| | | |
|---|---|---|
| | | fuq dan, minħabba l-inkonvenjent għar-residenti l-oħra tal-isqaq.<br>h) Resident minn Triq Sant Andrija jrid li l-Kunsill jagħmel Triq Ħal Far No entry for heavy vehicles u li jagħmel sleeping policeman fejn il-kappella ta' Sant Agatha, biex jevitaw l-aċċidenti li qed isiru fl-akwata. Kien hemm qbil li tintalab proposta lill-TM biex Triq Ħal Far issir no entry for heavy vehicles u biex issir sleeping policeman fi Triq Sant Andrija.<br>i) Issir bollard fi Triq Sant Andrija k/m Triq Hal Far fejn il-kappella, Kien hemm qbil fuq dan.<br>j) Fi Triq Santa Klementina l-Kunsill, fuq talba ta' sidien ta' garaxxijiet kbar li jdaħħlu vetturi kbar, kien għamel double yellow lines faċċata ta' dawn il-garxxijiet. Resident ieħor irrapporta lill-Transport Malta u dawn infurmaw lill-kunsill biex ineħħi tali linji għax qalu li l-vetturi jistgħu joħorġu. Kien hemm qbil li jitneħħew. **Dok 2 mehmuż**.<br>k) Intalbu aktar bins - fi Ġnien il-Ġibjun; f'Misraħ Repubblika fejn il-bankijiet; cigarette bin fejn il-venda u fejn il-Bronze bar. Kien hemm qbil li jsiru fi ġnien il-ġibjun u fejn il-venda. Kien hemm qbil li dan il-każ jiġi diskuss mal-Kunsillier inkarigat.<br>l) Il-kunsill ġie mitlub li jinstalla bandla għall-persuni bi bżonnijiet speċjali fi Ġnien il-Ġibjun. Is-Segretarju Eżekuttiv ġabret stima bħal dik li ġiet installata f'lokalita' oħra. L-istima tal-banda u stima oħra ta' kumpanija li tkun ser tinstalla tali bandla tlaħħaq is 6,950Euro. Kien hemm qbil li tinkiteb email lill-Ministeru inkarigat, biex jagħti l-għajnuna tiegħu finanzjarjament.<br>m) Persuna talbet biex issir bollard viċin ir-residenza tagħha fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq it-Torri, minħabba li inġenji kbar li qed jaħdmu fis-sit viċin tagħha qed ikunu ta' periklu għall-familja u r-residenza tagħha. Kien hemm qbil fuq dan.<br>n) Persuna minn Triq il-Mitħna trid li l-Kunsill jinstalla bollard aktar 'l isfel minn dik eżistenti għax il-vetturi xorta qed jagħmlu ħsara lir-residenza tagħha. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>o) Persuni talbu biex isir parkeġġ komuni għall-persuni b'diżabilta' fi Triq San Martin fejn il-parking area. Il-Viċi Sindku ma qabilx, il-Kunsillier Dino Bonnici jaqbel. Ma kien hemm qbil fuq dan.<br>p) Hemm bżonn li jsiru żewġ bankijiet fejn iċ-ċimiterju. Ma kienx hemm qbil.<br>q) Hemm bżonn li jinbidlu l-bankijiet li hemm fi Triq il-Kbira (fuq ta' tomba), u bankijiet fi Triq il-Wied. Kien hemm qbil fuq dan.<br>r) Hemm bżonn li Triq il-Ħaddiema u Triq il-Qrendi tinbidlilhom id-direzzjoni tat-traffiku tagħhom. Kien hemm qbil li dan il-każ jitqajjem f'seduta oħra.<br>s) Il-Kunsilliera Kenneth Farrugia u Kyle Mifsud issuggerew li ċertu bankijiet jinżebgħu b'kuluri differenti biex jitqajjem għarfin favur id-divertsita' tal-komunita. Kien hemm qbil li jsiru l-bankijiet ta' Triq Napuljun. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***2.6a.*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| 2.6a | | Dan il-punt ġie diskuss f'punt 2.4 u 2.5 |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***2.6b*** | | ***Tismija ta' Toroq – Side road fi Vjal il-Blue Grotto, Sqaq il-Waħx fi Triq Wied Ganu u Sqaq fi Triq il-Kunċizzjoni*** |
| | | |
| 2.6b.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li jeħtieġ li ssir laqgħa mal-Uffiċċju Elettorali biex jingħataw ismijiet tat-toroq lill-:<br>• Side road fi Vjal il-Blue Grotto – Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ppropona li l-isem tat-triq ikun Triq il-Merill. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Sqaq il-Waħx fi Triq Wied Ganu<br>• Sqaq fi Triq il-Kunċizzjoni<br>• U xi toroq f'Bubaqra.<br><br>Kien hemm qbil li tali lista titqajjem waqt il-laqgħa mar-rappeżentanti tal-uffiċċju elettorali.<br><br>F'dan il-waqt is-Sindku Rita Grima ssuġġeriet li tissemma triq għat-Tabiba Sciberras u l-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill Lokali jmissu jagħmel bust/monument għal din it-tabiba li tant ħadmet volontarjament qalb ż-żgħażagħ bil-vizzju tad-droga. Il-Kunsillier Dino Bonnici semma ukoll lin-nurse Costantino Farrugia li jixraqlu li tissemma triq għalih. |
| | | |
| **2.6c** | | **SKEDA GĦAT-TLUGĦ TAL-BANDIERA FUQ L-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL** |
| | | |
| 2.6c1 | | Is-Sindku Rita Grima ssuġġeriet biex il-bandiera taż-Żurrieq fuq l-uffiċċju tal-Kunsill tkun imtella dejjem fuq l-uffiċċju. Kien hemm qbil li dan il-każ jitressaq f'seduta meta jkunu preżenti aktar kunsilliera.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li meta ser jerġa jitqajjem dan il-punt, jekk il-bandiera ma tittellax kuljum għandha tizdid klawżola biex tittella f'okkazjonijiet straordinarji maqbula mill-kunsill. |
| | | |
| **2.6d** | | **Applikazzjoni LC Care Project – Cat cafe** |
| | | |
| 2.6d1 | | Is-Segretarjat Għall biedja, sajd u drittijiet tal-annimali ħareġ applikazzjonijiet għall-skema ta' fondi biex il-Kunsilli lokali joħolqu inizjattivi biex isir proġett relatat mal-qtates fil-lokalita'. |
| | | |
| 2.6d2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv, infurmat li kienet ġiet ikkuntatjata mill-Kunsillier Marisa D'Amato, fejn issuġġeriet li jsir cat cafe f'żona li tinsab bejn il-pompa tal-petrol taż-Żurrieq u fabbrika li tagħmel il-bibien tal-garaxxijiet.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv iċċirkulat email lill-kunsilliera kollha biex japprovaw li tista tapplika f'isem il-Kunsill.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minn dak inhar li rċeviet ir-risposti, bdiet taħdem fuq l-applikazzjoni. Flimkien mas-Sindku marret fuq il-post biex issir verifikazzjoni li l-cat cafe jista jsir. Tkellmet mal-feeders tal-qtates, ġabret l-istimi u saru l-pjanti mill-perit. Il-perit applika għall-permessi meħtieġa.<br>Issa l-applikazzjoni tinsab lesta u għada tintbagħat. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil fuq l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li għanda ħafna ideat oħra jekk tali applikazzjoni tiġi milqgħa u tista tistaqsi għal sponsor biex tiżdied l-amara ġo l-istess cat cafe. |
| | | |
| | | |
| ***2.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 2.7.1 | | Ġew approvati u l-Minuti tal-laqgħa Numru 94 u l-laqgħa ġenerali no.8 tal-Gal Xlokk. |
| | | |
| ***2.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 2.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' **€86,543.08.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-kunsilliera Dino Bonnici u Joseph D'Amato. |
| | | |
| ***2.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 2.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:45. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21 ta' AWWISSU, 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum __21____ ta' AWWISSU, 2019.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**